MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2008

Numru. 33/2008

Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)

vs

Martin Joseph Xuereb ta’ 35 sena, iben Anthony u Carmen xebba Vella u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 509090M.

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Martin Xuereb ta’ 35 sena, iben Anthony u Carmen xebba Vella imwieled l-Awstralja talli fil-11 ta’ Mejju 2008 gewwa Triq il-Palma, Rabat, Ghawdex, minn gewwa karrozza bin-numru ta’

registrazzjoni HAP-959 ghal habta tas-saghtejn nieqes kwart (13.45) ta' wara nofsinhar:

(a) Seraq nuccali tal-vista valur ta' mija u hmistax-il euro u hdax-il centezmu (€115.11), mitt euro (€100) fi flus, telefon cellulari tat-tip Nokia 3315, kaxxa tan-nuccalijiet ta-tip Genesis, handbag ta' lewn iswed tan-nisa, portmoni tan-nisa tat-tip Cellini, calculator u affarijiet zghar ohra ghad-detriment ta' Rita Sultana, liema serq huwa aggravat bil-valur, u xorta tal-haga misruqa.
(b) U aktar talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50, u 289 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana anke wara illi l-Qorti tatu zmien sabiex jerga' jikkunsidra l-ammissjoni tieghu u wissietu fuq il-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni. Madankollu l-imputat baqa' jinsisti fuq l-ammissjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ufficjal prosekutur u tad-difensur tal-imputat dwar il-piena.
Illi l-imputazzjoni li saret kontra l-imputat hi dik ta' serq aggravat bil-valur, u xorta tal-haga misruq kif ukoll li huwa recidiv b'diversi sentenzi li huma definittivi.

Fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat f'dan l-istadju bikri tal-proceduri, il-Qorti m'ghandix ghazla ghajr li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Ikkunsidrat:-

(a) L-ammissjoni tal-imputat f'dan l-istadju kmieni fil-proceduri u li wkoll irrilaxxa stqarrija fejn ammetta li kien ikkometta serq;
(b) Il-fatt li l-pulizija waslu biex jinvestigaw lill-imputat wara li kienu tkellmu mal-persuna li lilha l-imputat ta l-mobile tal-marka Nokia;
(c) Il-fatt li rrizulta li wara li l-pulizija baghatu ghall-imputat f'hin qasir beda jikkolabora mal-pulizija tant li urihom ukoll fejn kien heba l-basket u l-affarijiet l-ohra li

seraq mill-vettura numru HAP 959 li kienet ipparkjata fi Triq Palma, Rabat, Ghawdex;
(d) Ir-*res furtiva* giet ritornata lill-proprjetarja, bl-eccezzjoni ta' *sim card* li kien hemm fil-telefon tal-marka Nokia u l-flus li kien hemm fil-basket u li l-imputat obbliga ruhu li jhallas lura lil Rita Sultana mhux iktar tard mis-Sibt 17 ta' Mejju 2008;
(e) Id-diversi drabi li fihom l-imputat tressaq quddiem il-Qorti u nstab hati li kkommetta serq u reati ohra. Mill-fedina penali (fol. 5) jirrizulta li mill-bidu tas-snin disghin l-imputat beda jinstab hati ta' sensiela ta' serq. Mill-istess dokument jirrizulta wkoll li l-imputat kien instab hati ta' reati ohra. Hu evidenti li minkejja li llum l-imputat ghandu hamsa u tletin (35) sena ghadu m'ghazilx it-triq it-tajba. M'hemmx dubju li minkejja li jidher li l-imputat inghata diversi opportunitajiet sal-lum ma jidhirx li ghandu r-rieda li jirriforma ruhu u jikseb l-ghajnuna li jidher li ghandu bzonn biex jeghleb il-problemi li jista' ghandu u jipprova jerga' jintegra ruhu fis-socjeta. Il-Qorti tippretendi li f'perjodu ta' sbatax-il sena l-imputat kellu bizzejjed opportunitajiet (mehud in konsiderazzjoni tal-pieni li kien qieghed jinghata) biex jaghraf jaqbad it-triq it-tajba u jevita l-inkwiet. Dan it-trapass kollu ta' snin ma jidhirx li serva wisq ta' gid u ghalkemm l-ahhar kundanna ghal kaz ta' serq tirrisali lura ghad-19 ta' Lulju 2002 u tirrelata dwar serqa li sehh fl-1993, m'huwiex accettabli li l-imputat iwettaq serq qiesu xejn mhu xejn. Id-difensur tal-imputat issottometta li fic-cirkostanzi kien iktar floku li l-Qorti taghti sentenza sospiza b'ordni ta' supervizjoni skond l-Artikolu 28G tal-Kodici Kriminali (Kap. 9). Pero' ma jirrizultax li l-imputat kien qieghed jaghmel xi sforz jew li fittex xi ghajnuna bl-iskop li jghix hajja 'l boghod mill-inkwiet. L-imputat diga' kellu kazijiet ohra fejn inghata piena ta' sentenza sospiza pero' jidher li dawn ftit ta' xejn servew u l-imputat ma gharafx jahtaf l-opportunitajiet li nghataw lilu matul is-snin. Inoltre, l-ghoti ta' sentenza sospiza m'ghandix tkun ir-regola u ghandha tigi adoperata biss fejn il-Qorti ma thossx li hu opportun li tapplika l-piena normali kontemplata mil-ligi. Madankollu, fic-cirkostanzi attwali l-Qorti hi tal-fehma li l-kaz jimmerita piena ta' habs.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 261, 267, 271, 279, 280, 289 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9) tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta’ habs ta’ tnax (12)-il xahar li minnhom ghandu jitnaqqas kwalsiasi perjodu li ghamel taht detenzjoni in relazzjoni ma’ dan il-kaz. Fl-ahharnett il-Qorti qeghda taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin fis-sens li fl-eventwalita’ li Martin Joseph Xuereb verament jixtieq li fil-perjodu li jkun qieghed jiskonta l-piena karcerarja jfittex ghajnuna li tista’ qeghda tinghata lid-detenuti gewwa l-Facilita’ bl-iskop li jaqbdu t-triq it-tajba u jergghu jintegraw ruhhom fis-socjeta’, jaghmel mill-ahjar sabiex Martin Joseph Xuereb jinghata din l-ghajnuna.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------